MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali BIRKIRKARA

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 88

**12 ta' Diċembru 2018**

Il-Kunsilli Lokali BIRKIRKARA ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Tumas Fenech Birkirkara, fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Joanne Debono Grech – Sindku
Rita Borg – Viċi Sindku
Kaylocke Buhagiar – Kunsillier
Mark George Abdilla - Kunsillier
Anthony Buttigieg – Kunsillier
John Mary (Jimmy) Calleja – Kunsillier
John Mizzi – Kunsillier
Marie Claire Zammit – Kunsillier
Herbert Conti – Kunsillier
Antoine Attard – Kunsillier
Owen Patrick Attard - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Michael Fenech Adami – Kunsillier

**ASSENTI**
John Borg - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Neil Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, il-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera s-Kaylocke Buhagiar, is-Sur Mark George Abdilla, is-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur John Mary (Jimmy) Calleja, is-Sur John Mizzi, is-Sinjura Marie Claire Zammit, is-Sur Herbert Conti, is-Sur Antoine Attard, u s-Sur Owen Patrick Attard.

Għal laqgħa kien hawn preżenti s-Sur Christian Vella, il-konsulent finanzjarju tal-Kunsill.

**88.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji**

88.1.1 Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fis-sebgħa ta' filgħaxija. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech fetħet il-laqgħa bit-talba.

88.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva ittra ta' apoloġija mill-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami. L-apoloġija ġiet aċċettata b'mod unanimu.

**88.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Minuti**

88.2.1 Il-minuti tal-laqgħa numru 87 ġew imqassma u ttieħdu bħala moqrija

88.2.2 Fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech issekondata mill-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg, il-minuti tal-laqgħa numru 87 ġew approvati bħala dokumenti korretti.

**88.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

88.3.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li semgħet partijiet mill-konferenza tal-Partit Nazzjonalista fuq it-TV u xi ħadd irrapporta li l-Kunsillier is-Sur Antoine Attard qal li hemm telqa f'Birkirkara. Hija qaltlu biex jispjega fejn hawn it-telqa. Il-Kunsillier is-Sur Antoine Attard ressqilha numru ta' ritratti li kien ħa wara ilmenti minn residenti. Wieħed mir-ritratti kien dwar ħmieġ f'għalqa privata fejn is-Sindku qalet li f'għelieqi privati l-Kunsilli ma jidħlux imma nirrappurtaw. Kien hemm ritratti ta' *tower cranes*, wajers u siġar fil-privat li s-Sindku qalet l-istess ħaġa.

88.3.2 Rigward ħmieġ ħdejn l-iskips, is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qaltlu illi hawn żewġ persuni fl-istaff illi qed jissorvelaw il-kameras. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ħriġna ħafna ċitazzjonijet mal-LESA imma l-liġi ma tobbligax lil min qala' ċ-ċitazzjoni biex inaddaf hu. Il-Kunsillier is-Sur Mark George Abdilla qal illi hu juża' l-*bring in site* ta' ħdejn San Alwiġi u qatt ma jsib diżastri ħdejhom.

88.3.3 Is-Sindku qalet li ma hawnx telqa Birkirkara u għandha fiduċja li l-istaff qed jaħdem. Fejn hemm rapporti li jirrigwardjaw entitajiet oħra jgħadduhomlna ħa ngħadduhom lill-awtoritajiet.

**88.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

88.4.1 Il-Kunsillier is-Sur John Mizzi qal illi xtaq jorganizza turnew taċ-ċess fis-sala tal-Kunsill – *B'Kara Chess Challenge*, nhar is-Sibt 29 ta' Diċembru fis-sala tal-Kunsill. Dan se jsir flimkien mac-*chess federation*. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u se jinxtraw xi trofew. Apparti minn hekk, se jiġu mistiedna s-segretarju parlamentari ta' l-isport u s-*shadow minister* ta' l-opposizzjoni.

88.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg ilmenta illi fit-triq qed jispiċċa ħafna *junk mail*. Is-Sindku qalet li ma tantx nistgħu nagħmlu affarijiet dwar din.

88.4.3 Il-Kunsillier is-Sinjura Marie Claire Zammit semmiet Misraħ San Alwiġi u jekk hemmx *sponsor* għal hemmhekk. Is-Sindku qaltilha li dak hemm l-i*sponsor* ta' Gasan.

88.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ittra mingħand membru ta' l-istaff illi kien waslilha ż-żmien biex tavvanza bħala skala. Kien hemm diskussjoni dwar il-*collective agreement* u ġie maqbul illi t-talba ta' l-impjegata tiġi milqugħa b'mod posittiv.

**88.5 Rapporti Bord Evalwazzjoni**

88.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq rapport tal-bord ta' evalwazzjoni dwar *Structural Alterations, Repairs and Finishing Works* tal-mużew tal-ferrovija. Intefgħu żewġ offerti, *iprojects Ltd* (96,387euro) u *Zarcas Ltd* (183,560.69euro). Il-bord irrakomanda li t-tender jingħata lill-irħas offerta, jiġifieri lil iprojects Ltd. Il-Kunsill qabel ma' dan ir-rapport, nem. con.

88.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kellu laqgħa mal-*Managing Authority* ta' l-ERDF u mal-Ministeru, fejn peress li aħna diġa' qed naħdmu fuq il-proġett mal-Kunsill ta' Ħ'Attard, issa ħa jdaħħlu wkoll lill-Kunsill tal-Ħamrun biex il-proġetti relatati mal-ferrovija jkunu sinkronizzati. Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**88.6 *Quarterly Financial Report Q3-2018***

88.6.1 Il-Konsulent Finanzjarju tal-Kunsill is-Sur Christian Vella ressaq ir-rapport finanzjarju tat-tielet kwart tas-sena.

88.6.2 Sa quarter 3, qed jiġi rrapurtat *accounting surplus* ta' madwar 39,000 euro. Il-*financial situation indicator* għadu -23% , minkejja ħafna proġetti kapitali li qed isiru li huma koperti minn diversi *grants*. Kien hemm ukoll il-qbil dwar interessi mal-Ministeru tax-xogħlijiet dwar xogħlijiet fuq l-akkwadott li dawn daħlu fl-*accounts*.

88.6.3 Hawnhekk is-Sur Vella semma li bħal ma għamilna mal-ministeru tax-xogħlijiet, hemm bżonn impoġġu bilqegħda ma' V&C u naslu għal ftehim dwar pendenzi antiki fosthom it-tarmak ta' Tommaso Dingli. Huwa ta informazzjoni dwar xi pendenzi u l-Kunsill ta mandat lilu u lis-segretarju biex ikomplu jaħdmu fuq ftehim simili.

88.6.4 Il-Kunsill approva formalment ir-rapport finanzjaru Q3 b'mod unanimu.

**88.7 Baġit tal-Kunsill 2019**

88.7.1 Is-Sur Christian Vella ressaq il-baġit għas-sena d-dieħla, wara li kien iddiskuta mas-Segretarju Eżekuttiv.

88.7.2 Id-dħul mill-allokazzjoni se jiżdied u għas-sena d-dieħla se jkun ta' 1.41 miljun euro. Meta wieħed iqis ukoll dħul ieħor addizzjonali, id-dħul totali tal-Kunsill hu previst li jkun 1.83 miljun. Huwa ta dettall vot b'vot kif inhija previżta l-ispiża. L-ispiża totali se tkun ta' 1.83 miljun li minnhom hu antiċipat li nerġgħu nħallsu 150,000 euro fuq dejn antik u 48,000 euro tal-PPP.

88.7.3 Il-membri tal-Kunsill qablu ma' dan il-baġit preżentat b'mod unanimu.

88.7.4 Peress illi kien hemm referenzi għall-proġetti ffinanzjati mill-*Planning Authority*, u jidher li għad fadal xi flus allokati għal Birkirkara, il-Kunsillier is-Sur Kaylocke Buhagiar semma li għandna

ndaħħlu applikazzjoni għas-swali tal-kommunita' li huma ppjanati għal Ġnien Stazzjon. Ma kienx hemm oġġezzjoni u s-Segretarju se jibda jaħdem dwar din l-applikazzjoni mal-Perit tal-Kunsill.

**88.8 *White Paper* dwar il-monti**

88.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ħarġet il-*white paper* dwar il-Monti u bħala kunsill kellna ċ-ċans nagħmlu kummenti u suġġerimenti. Wara li tkellem mas-Sindku, hu qal li ħareġ xi punti li jekk naqblu bħala Kunsill kien jgħaddihom lill-ministeru. Dawn huma bżonn ta' *enforcement*, kemm ta' ħinijiet, spazji u ħmieġ, li idealment il-Monti jarma biss darba f'ġimgħa, u li noqogħdu attenti x'jiġri jekk ikun hawn emerġenza għax il-vetturi ma jitħallewx jgħaddu. Il-Kunsill qabel ma dawn il-kummenti u se nkunu qed ninfurmaw lil min qed jieħu ħsieb il-*white paper*.

**88.9 Kuntratt Ġbir ta' Skart – *Contracts Management***

88.9.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi ma nistgħux nibqgħu għaddejjin b'ħafna lmenti dwar skart u għalhekk qegħda tissuġerixxi illi jinħareġ tender għal *contracts manager*. Hija qalet ukoll li sakemm joħroġ it-tender, u b'emerġenza, nqabbdu lil *synthesis* fuq *contract management* għax ħadmu mal-kunsill fil-passat u ġa jafu lil Birkirkara u t-toroq tagħha. Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**88.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti 67**

88.10.1 L-iskeda ta' pagamenti numru 67 kienet approvata nem. con. fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech sekondata mill-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg u l-Kunsillier is-Sur Jimmy JM Calleja.

**88.11 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

88.11.1 Il-laqgħa intemmet fis-7.20pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 7 ta' Jannar 2019 fis-6.30pm.

Konfermati, illum 7 ta' Jannar 2019.

IFFIRMATI

| | |
|---|---|
| Joanne Debono Grech | Neil Spiteri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |